MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 101/2009

**L-Avukat Peter Fenech (ID Nru. 67468M) u Eugenio Privitelli**
**ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bord ta' Tmexxija ta'**
**Dar il-Mediterran ghall-Konferenzi**

**vs**

**Philip Lingard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett elef, tlett mija u tlieta u sebghin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€3,373.72), rapprezentanti bilanc ghal servizzi rezi mill-attur konsistenti fil-kiri ta' swali ghall-produzzjoni tal-kuncert 'From Russia with Love' fit-22 ta' Settembru, 2004 u li minkejja li gie interpellat diversi drabi ghall-hlas ta' l-istess, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' April, 2006 u tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment, u bl-interessi mit-22 ta' Settembru, 2004, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' tlett elef, tlett mija u tlieta u sebghin Euro u tnejn u sebghin centezmi (€3,373.72), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------